

31987R1898

L 182/36

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

3.7.1987

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1898/87**tat-2 ta' Lulju 1987****dwar il-protezzjoni ta' l-ismijiet użati fil-marketing tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunita Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾;

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 ⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 773/87 ⁽⁵⁾, daħħal l-organizzazzjoni komuni tas-suq fis-settur tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib;

Billi s-sitwazzjoni fis-settur tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib hija kkaratterizzata b'eċċessi strutturali u billi l-użu ta' dawn il-prodotti għandu għalhekk jittejjeb billi jitmexxa l-quddiem il-konsum tagħhom;

Billi l-kompożizzjoni naturali tal-ħalib u tal-prodotti mill-ħalib għandha tiġi protetta fl-interesst tal-produtturi u l-konsumaturi tal-Komunita;

Billi regolamenti li jiżguraw it-tikkettjar xieraq u li jipprevjenu milli l-konsumatur jiġi żvjat jgħinu sabiex jinkiseb dan il-għan;

Billi l-ħalib u l-prodotti mill-ħalib għandhom, għelhekk, jiġu definiti u jiġu ċarati l-ismijiet li jeħtieġu jiġu riżervati għalihom;

Billi, barra mill-każ ta' prodotti li n-natura eżatta tagħhom hija magħrufa permezz ta' l-użu tradizzjonali, huwa wkoll meħtieġ li tiġi evitata kull konfużjoni fil-moħħ tal-konsumatur bejn il-prodotti mill-ħalib u prodotti oħra ta' l-ikel, inklużi dawk li jikkonsistu parzjalment f'komponenti tal-ħalib;

Billi dan ir-Regolament jimmira li jiproteġi lill-konsumatur u li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni bejn il-prodotti mill-ħalib u prodotti li jikkompetu magħhom fil-qasam ta' l-ismijiet tal-prodott, it-tikkettjar u l-pubbliċità li jevitaw kull tgħawwiġ;

Billi prodotti li jikkompetu jgawdu vantaġġ kompetittiv f'termini ta' spiża fuq il-produzzjoni minħabba l-fatt li ħafna minnhom huma spiss iffabbrikati minn materji prima importati b'rati 0 (żero) tad-dazji, billi l-prodotti mill-ħalib għandhom spejjeż oġhla tal-produzzjoni li huma dettati mill-ħtieġa li jiġi salvagwardat il-qligħ (introjti) mill-biedja tal-produtturi;

⁽¹⁾ ĠU C 111, tas-26.4.1984, p. 7.

⁽²⁾ ĠU C 72, tat-18.3.1985, p. 127.

⁽³⁾ ĠU C 307, tad-19.11.1984, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.

⁽⁵⁾ ĠU L 78, ta' l-20.3.1987, p. 1.

Billi huwa essenzjali għall-Kummissjoni li ssegwi mill-qrib l-iżviluppi fis-suq tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib u l-prodotti ta' sostituzzjoni li jikkompetu magħhom u li tirrapporta lura lill-Kunsill;

Billi, sakemm jasal ir-rapport mill-Kummissjoni, l-Istati Membri li jkun qiegħed ħadu miżuri nazzjonali sabiex jikkontrollaw u jnaqqsu l-fabbrikazzjoni u l-bejgħ fis-suq ta' dawn il-prodotti fit-territorju tagħhom iridu jżommu r-regolamenti tagħhom, b'mod konformi mar-regoli ġenerali tat-Trattat sat-tmien tal-ħames perjodu taż-żmien ta' 12-il xahar ta' l-applikazzjoni tat-taxxa ('levy') supplimentari fis-settur tal-ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem li jinbigħu fis-suq fil-Komunita.

2. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

- (a) 'bejgħ fis-suq' għandu jfisser iż-żamma jew wiri bil-għan ta' bejgħ, offerta għall-bejgħ, konsenja jew kull manjiera oħra ta' tqegħid fis-suq;
- (b) (b)'isem' għandu jfisser l-isem użat fl-istadji kollha tal-bejgħ fis-suq.

Artikolu 2

1. Il-kelma 'ħalib' għandha tfisser esklussivament it-tnixxija normali mammarja miksuba minn tihliba waħda jew iktar mingħajr la żieda magħha u lanqas estrazzjoni minnha.

Madankollu, it-terminu 'halib' jista' jintuża:

- (a) għall-ħalib ittrattat mingħajr bidla fil-kompożizzjoni tiegħu, jew għall-ħalib li l-kontenut ta' xaħam tiegħu jkun ġie standardizzat skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1411/71 tad-29 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi regoli addizzjonali għall-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u l-prodotti tal-ħalib li jaqgħu taħt it-TKD (Tariffa Komuni tad-Dwana) taħt l-intestatura Nru 04.01 ⁽⁶⁾, kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KEE) Nru 566/76 ⁽⁷⁾;

⁽⁶⁾ ĠU L 148, tat-3.7.1987, p. 4.

⁽⁷⁾ ĠU L 67, tal-15.3.1976, p. 23.

(b) f'assoċjazzjoni ma' kelma jew kelmiet li jagħtu l-isem lit-tip, il-grad, l-orijini u/jew l-użu maħsub għal dan il-ħalib jew li jiddeskrivu t-trattament fiżiku jew il-modifika fil-kompożizzjoni li għalihom ikun ġie soġġett, basta iżda illi din il-modifika tkun ristretta għal żieda u/jew irtirar tal-kostitwenti naturali tal-ħalib.

2. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, 'prodotti mill-ħalib' għandhom ifissru prodotti derivati esklussivament mill-ħalib, bil-ftehim illi s-sustanzi meħtieġa għall-fabbrikazzjoni tagħhom (il-prodotti) jistgħu jiġu miżjuda basta iżda illi dawn is-sustanzi ma jiġux użati bil-għan li jieħdu l-post, totalment jew parzjalment, ta' xi kostitwent tal-ħalib.

Dan li ġej għandu jiġi rriservat esklussivament għall-prodotti mill-ħalib:

— l-ismijiet imniżżla fil-lista fl-Anness ma' hawn,

— id-deskrizzjonijiet jew l-ismijiet fis-sens ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 79/112/KEE tat-18 ta' Diċembru 1978 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tikkettjar, il-preżentazzjoni u l-pubbliċità dwar l-oġġetti ta' l-ikel għall-bejgħ lill-konsumatur aħħari⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 85/7/KEE⁽²⁾, attwalment użati għall-prodotti tal-ħalib.

3. It-terminu 'ħalib' u l-ismijiet użati għall-prodotti mill-ħalib jistgħu wkoll jiġu użati f'assoċjazzjoni ma' kelma jew kliem li jagħtu isem lil prodotti komposti li l-ebda parti minnhom ma tieħu jew tkun maħsuba li tieħu l-post ta' xi kostitwent tal-ħalib u li tagħhom il-ħalib jew prodotti mill-ħalib huma parti essenzjali jew f'termini ta' kwantita jew għall-għotja tal-karatteristiċi lill-prodott.

4. L-orijini tal-ħalib u tal-prodotti mill-ħalib li jridu jiġu ddefiniti b'mod konformi mal-proċedura riferita fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68 irid jiġi ddikjarat jekk hux ġej minn bhejjem tal-fart.

Artikolu 3

1. L-ismijiet riferiti fl-Artikolu 2 ma jistgħux jiġu użati għal xi prodott ieħor għajr dawk riferiti f'dan l-Artikolu.

Iżda, din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għall-ismijiet tal-prodotti li n-natura eżatta tagħhom hija ċara minħabba l-użu tradizzjonali u/jew meta l-ismijiet jiġu użati biċ-ċar sabiex

⁽¹⁾ ĠU L 33, tat-3.2.1979, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 2, tat-3.1.1985, p. 22.

jiddeskrivu kwalita karatteristika tal-prodott.

2. Rigward prodott għajr dawk deskritti fl-Artikolu 2, ma jistgħu jintużaw l-ebda tikketta, dokument kummerċjali, materjal ta' pubbliċità jew xi forma ta' pubbliċità (kif definiti fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 84/450/KEE⁽³⁾) jew xi forma ta' preżentazzjoni li jippretendu, jimplikaw jew jissuġġerixxu illi l-prodott huwa prodott minn razzett/fabbrika tal-ħalib.

Iżda, rigward prodott li jkun fih il-ħalib jew il-prodotti mill-ħalib, l-isem/desinenza 'ħalib' jew l-ismijiet/desinenzi riferiti fit-tieni sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 2(2) jistgħu jiġu użati biss sabiex jiddeskrivu l-materji prima bażiċi u sabiex jitniżżlu fil-lista ta' l-ingredjenti b'mod konformi mad-Direttiva 79/112/KEE.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni sa l-1 ta' Ottubru 1987 lista indikattiva tal-prodotti li huma jqisu bħala li tikkorrispondu fit-territorju tagħhom għall-prodotti msemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1).

L-Istati Membri għandhom, fejn meħtieġ, jagħmlu żidiet sossegwenti mal-lista.

2. B'mod konformi mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68, il-Kummissjoni għandha:

(a) tadotta r-regoli dettaljati sabiex jiġi applikat dan ir-Regolament;

(b) tfassal u, fejn jinħtieġ, tissupplimenta l-lista tal-prodotti riferiti fit-tieni sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 3(1) fuq il-bażi tal-listi mibgħuta lilha mill-Istati Membri;

(ċ) tagħmel żidiet, fejn meħtieġ, mal-lista ta' l-ismijiet mogħtija fl-Annessi mehmuża miegħu (ir-Regolament imsemmi).

3. Kull sena qabel l-1 ta' Ottubru u għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Ottubru 1988, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-iżviluppi fis-suq tal-prodotti tal-ħalib u l-prodotti li jikkompetu magħhom fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament biex il-Kummissjoni tkun fil-pożizzjoni li tirrapporta lill-Kunsill sa l-1 ta' Marzu tas-sena ta' wara.

⁽³⁾ ĠU L 250, tad-9.9.1984, p. 17.

Artikolu 5

L-Istati Membri jistgħu, sat-tmiem tal-ħames perjodu taż-żmien ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 5c tar-Regolament (KEE) Nru 804/68 u b'konformita mad-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat, iżommu r-regolamenti nazzjonali tagħhom li jirres-

tringu l-fabbrikazzjoni u l-bejgħ fis-suq fit-territorju tagħhom ta' prodotti li ma jwettqux il-kondizzjonijiet riferiti fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1987.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha

Magħmul fi Brussel, fit-2 ta' Lulju 1987.

Għall-Kunsill

Il-President

K. E. TYGESEN

L-ANNEX

L-ismijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) it-tieni subparagrafu, l-ewwel inċiż

- | | |
|--------------------|--------------------------------|
| — xorrox | — kaseini |
| — krema | — xaħam anidru tal-ħalib (AMF) |
| — butir | — ġobon |
| — xorrox tal-butir | — yoghurt |
| — żejt tal-butir | — kephir |
| | — koumiss |
-